

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1580

tat-18 ta' Lulju 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tniedi negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-8 ta' Marzu 2019.
- (2) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, kif ukoll tad-Dikjarazzjoni Konġunta li tiffirma parti integrali minnu, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim, flimkien mal-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat bl-Ingliż. Skont il-liġi tal-Unjoni, il-Ftehim qiegħed jtfassal ukoll mill-Unjoni bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Ġrieg, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali jenħtieġ li jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet. Il-verżjonijiet awtentikati kollha għandu jkollhom valur ugwali.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 4

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu ⁽¹⁾, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
T. TUPPURAINEN

⁽¹⁾ Id-data li minnha l-Ftehim għandu japplika b'mod provviżorju ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.